# Irrid

Poeżiji ta'
ĠORĠ BORĠ

Irrid,
dejjem irrid!
—u l-fehma tal-ħadid!

'Mma xħin l-imħabba
bin-nar
trid tħoll ġo fija
kull xenqa ta' kburija
għalxejn neħodha magħha
b'dirghajn mimlija saħħa
għax xorta l-fehma ddub
u nibda rrid
li jrid
min hu maħbub!

# Ġesu'

Ġesù, jiena naqtagħha
li darba ommok Marija
bagħtitek b'qadja tixtri l-ħtiġiet tagħha
u Int kif kont
għaddej mit-triq
ix-xita niżlet sfiq
u mbagħ'd, għalkemm gustuż,
sirtilha għasra
imxarrab bħal fellus.

U meta ġralek dan
żgur Ommok, kif mort lura
u ratek f'dik is-sura,
fil-ħin,
neħħiet minn fuqek
il-ħwejjeġ imxarrbin
imbagħad ħallietek ġewwa
tissaħħan ħdejn in-nar
u stagħġbet kif Missierek
ħalliek tixxarrab
qabel ma wasalt id-dar.

# IN-NISĠA TAT-TIXBIHAT fid-Dramm "IL-FIDWA TAL-BDIEWA"

— ROMAN AZZOPARDI —

L-ewwel edizzjoni ta' "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ħarġet madwar 41 sena ilu u minn dak iż-żmien 'l hawn ħafna qiesu dan ix-xogħol bħala importanti storikament għax kien l-ewwel dramm letterarju serju fil-Malti. Għal xi wħud dan jista' jfisser li dan id-dramm mhux għal kollox addattat għal fuq il-palk minkejja li fl-1923 dehru xi partijiet minnu fuq il-palk fit-Teatru Manoel u dan l-aħħar fl-1970 saru rappreżentazzjonijiet fil-ġonna tal-palazz Verdala.

Hu x'inhu kemm jekk dramm ta' l-istudju, kemm jekk dramm tat-teatru, irridu niftakru li "Il-Fidwa tal-Bdiewa" hu dramm miktub b'versi metriċi. Id-dramm mill-bidu sa l-aħħar huwa poema waħda. Fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Ġunju 1964, A.M. Cassola f'analiżi estetika ta' "Il-Fidwa tal-Bdiewa" kien ċar ħafna:

"Il-Fidwa tal-Bdiewa" għalkemm biċċa xogħol teatrali moderna huwa bla ebda dubju poema u ta' valur letterarju, u jekk mhux għal ħaġa oħra għal dik l-umanità u dak is-sens patrijottiku li tilmaħ fil-versi tiegħu.

Mhux biss. A.M. Cassola kien konvint li "Il-Fidwa tal-Bdiewa" huwa dramm li x'aktarx għandu jinqara milli jinħadem fuq il-palk. Għaliex fl-istess riċensjoni li semmejna ta' Ġunju, 1946, kiteb b'ħeġġa li hemm bżonn tinħoloq soċjetà bil-ħsieb li tibda torganiżża 'l-qari ta' xogħlijiet teatrali u l-ewwel ktieb li jinqara għandu jkun "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ta' Ninu Cremona.

Kif hu ġa magħruf minn ħafna, il-qawwa ta' "Il-Fidwa tal-Bdiewa" qiegħda fil-ġrajja patrijottika u fil-preżentazzjoni ta' żmien l-Aragoneżi. Ħafna raw is-sbuħija ta' dan id-dramm fil-folklor li jippreżentalna għaliex b'hekk ħafna drawwiet antiki se jibqgħu ħajjin fil-kitba letterarja u mhux biss ikunu dehru f'kitba dokumentata jew storiku-soċjali. Naturalment il-letteratura mhix sempliċi dokumentazzjoni. Fil-letteratura jidħol is-sens kritiku tal-proċessi tal-ħajja u tal-karattri umani. A. Previ fil-ktieb tiegħu "Il-Ħidma Letterarja ta' Ninu Cremona" għandu dan xi jgħid fuq "il-Fidwa tal-Bdiewa".:

"Li jolqtok hu l-personifikazzjonijiet tal-karattri. Ngħidu aħna Rożi tippersonifika l-imħabba, Xandra l-mibgħeda, Pietru l-qalbieni, Pedro l-beżżiegħi".